MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 35/2014

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

Vs

Edrick Grech

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Edrick Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 550782M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-7 ta' Awwissu, 2013 ghal-habta tal-15:45 fl-inhawi ta' Tigne, limiti ta' Tas-Sliema, saq bastiment zghir tal-bahar, rabat, irmigga mal-baga/bagi, hbula u taghmir iehor ta' Transport Malta jew daharl, bahhar, rabat, ingarr bil-kurrent, waqf jew stenna f'zoni projbiti u cioe' f'zona riservata ghall-ghawwiema u dan bi ksur tar-Regolamen 32(b) tal-Kap 352, Regulation 45 tat-Tielet Skeda SL 499.52 u Avviz lill-Bahhara 33 ta' 2013.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-art. 32(b) tal-Kaptiolu 352, ir-Regolament 45 tat-Tielet Skeda SL. 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza dedotta u kkundannatu ghal-multa ta' tlett mitt ewro (32(b) tal-Kaptiolu 352, ir-Regolament 45 tat-Tielet Skeda SL. 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza dedotta u kkundannatu ghal-multa ta' tlett mitt ewro (€300).

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tillibereah minn kwalunkwe piena jew htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

Illi kellu jirrizulta mill-provi illi l-appellant raba ma' irmigg in kwistjoni biss minhabba illi waqfitlu l-magna. Huwa beza li jingarr il-barra mill-kurrent u rabat ftit mal-irmigg ta' Transport Malta sakemm cempel ghall-ghajnuna.

Illi l-artikoli li fuqhom hija bbazata l-akkuza odjerna jirrikjedu xjenza jew negligenza. L-artikolu 32 tal-Kap 352 jghid: "Kull persuna li, xjentement jew bi traskuragni...".

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha (7) ta' Awwissu tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 15:45 hrs l-appellant kien qieghed fuq dghajsa zghira bil-mutur irmeggjat ma' baga ta' Transport Malta illi tindika l-velocità massima tal-port ta' Marsamxett. L-appellant gie avvicinat minn zewg pulizija PS 305 A. Gauci u PC 134 R. Sammut mill-Administrative Law Enforcement Unit fejn dawn gibdu l-attenzjoni tal-appellant illi kien qieghed irmeggat hazin u kontra l-ligi. Dak il-hin l-appellant qal li PS 305 illi kien irmeggat ma' dik il-baga peress illi ma kienx jaf il-ligi, waqt illi PC 134 R. Sammut osserva illi l-appellant u missieru li kienu t-tnejn fuq l-istess dghajsa kienu qieghdin jistadu. Ghalhekk l-ewwel Qorti qaghdet fuq il-verzjoni tal-pulizija u b'sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu ikkundannatu ghal tlett mitt ewro (€300).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi kellu skuza sodisfacenti ghaliex kien qieghed marbut ma' dik il-baga.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel darba li din il-Qorti giet a konjizzjoni ta′ din l-iskuza kien fir-rikors tal-appell tieghu fejn l-appellant allega illi huwa kien marbut ma′ din il-baga biex ma jingarrx mill-kurrent peress illi waqfitlu l-magna u kien qed jistenna illi tasallu l-ghajnuna. Interessanti però illi din l-iskuza ma gabiex lill-pulizija dak il-hin illi gew jinvestigaw dan il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex illi din l-iskuza hija verosimili u mahluqa biss ghall-iskop tal-appell biex l-appellant jipprova jahrab mir-responsabiltà tieghu u l-konsegwenzi illi din iggib. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha toqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-pulizija illi l-appellant kien marbut ma′ din il-baga biex jistad u ma jistax taht l-ebda cirkostanzi jeccepixxi n-nuqqas ta′ konoxxenza tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li tiddisturba din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------